MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1551/2010

**Miller Distributors Limited**
**C-344**

**vs**

**Angelo Psaila**
**ID No. 504865-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici qed titlob lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett elef, tlieta u hamsin Ewro u zewg centezmi (€3,053.02c), rapprezentanti prezz ta' oggetti mibjugha u debitament ikkonsenjati lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess.

Bl-ispejjez inkluz tal-prezenti u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-hrug ta' l-ewwel *invoice* sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi qed jichad it-talba tas-Socjeta’ attrici stante li l-ammont mhuwiex dovut fl-intier tieghu

Bl-ispejjez inkluz tal-prezenti..

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tas-Socjeta’ attrici, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnu. Dan ix-xhud spjega kif l-ammont reklamat permezz tal-azzjoni odjerna jirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut ghal gazzetti, magazines, *white goods* u *stationery* li gew debitament mibjugha u kkonsenjati mis-Socjeta’ attrici lill-konvenut. Spjega wkoll kif l-ammont dovut jirraprezenta *in parte* bilanc ta’ debitu, li dwaru kien hemm rikonoxximent mill-konvenut li huwa effettivament dovut permezz ta’ skrittura li tinsab *a fol.* 13 tal-process; minn tali skrittura jirrizulta illi fl-10 ta’ Gunju 2010, il-konvenut kien debitur tas-Socjeta’ attrici fl-ammont ta’ tlett t’elef, erba’ mija u erbgha u tmenin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€3,484.76c). Illi ai termini tal-istess skrittura, l-konvenut obbliga ruhu li jwettaq il-hlas ta’ din is-somma permezz ta’ pagamenti mensili fl-ammont ta’ € 100 skond l-iskeda li tinsab *a fol.* 14 tal-process.

Illi mid-dokument li jinsab *a fol.* 39 tal-process, jirrizulta illi effettivament il-konvenut kien qed iwettaq tali pagamenti, u jidher illi l-ahhar pagament ta’ mitt Ewro (€100) sar fil-5 ta’ Awissu, 2010, filwaqt illi fis-7 ta’ Awissu, 2010 wettaq hlas fl-ammont ta’ mija u ghoxrin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€120.83c). Jirrizulta wkoll illi wara li l-konvenut iffirma l-skrittura hawn fuq riferita, s-Socjeta’ attrici baqghet tissupplixxi lill-konvenut b’merkanzija gdida, u l-ammont dovut ghal tali oggetti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut, gie mizjud mal-bilanc ‘gia ezistenti u dovut. Illi ghalhekk skond ir-rendikont li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u li jinsab *a fol.* 39, l-ammont dovut mill-konvenut wara li jinqatghu l-pagamenti li wettaq l-istess konvenut, jammonta ghas-somma ta’ tlett t’elef u tlieta u hamsin Ewro u zewg centezmi (€3,053.02c).

Ikkunsidra,

Illi l-azzjoni odjerna tittratta dwar oggetti, prodotti u merkanzija mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mis-Socjeta' attrici. Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-kontestazzjoni tal-konvenut ghal din l-azzjoni hija bbazata fuq il-premessa illi l-ammont li qed jintalab f'din il-kawza mhux dovut fl-intier tieghu.

Ra li l-konvenut, ghalkemm ikkontesta l-kawza, naqas milli jressaq ebda provi in sostenn tal-allegazzjoni sollevata minnu, u ghalhekk ma ngabet ebda prova minnu dwar jekk wettaqx xi pagament iehor, jew ohrajn, li ma gewx elenkati fir-rendikont li jinsab *a fol.* 39 tal-process, jew li mhux qed jaqbel mal-valur ta' xi fattura li giet inkluza wkoll f'dan l-istess rendikont;  illi ghalhekk, u gialadarba tali eccezzjoni ma giet bl-ebda mod sostanzjata, qed tigi michuda u skartata.

Illi huwa pertinenti li jigi rilevat ukoll illi ai termini tal-istess skrittura, l-konvenut iddikjara u accettata illi kemm-il darba ma jottemperax ruhu mal-iskeda tal-pagamenti li giet mehmuza ma' din l-istess skrittura, allura hu kien ser jitlef il-beneficcju taz-zmien ghall-hlas moghti lilu mis-Socjeta' attrici, u li kwalunkwe ammont li jkun ghadu dovut, isir dovut fl-intier tieghu.  Illi mill-atti processwali jirrizulta illi effettivament il-konvenut naqas milli jzomm ma' tali skeda, u fil-fatt l-ahhar pagament li wettaq kien f'Awissu, 2010. Illi ai termini tal-istess skrittura, il-konvenut accetta wkoll illi f'kaz illi ssehh tali eventwalita', l-imghax fuq kwalunkwe bilanc li jkun dovut jibda jiddekorri b'effett mid-data tal-imsemmija skrittura, u ghalhekk mill-10 ta' Gunju, 2010. Illi fid-dawl ta' tali ftehim, it-Tribunal ser jghaddi sabilex jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-s-Socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef tlieta u hamsin Ewro u zewg centezmi (€3,053.02c), bl-imghax mill-10 ta' Gunju, 2010. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------